# Lejl id-19 ta' Diċembru

(jum li fih miet missieri)

Missier,
ħallini ningħalaq fija nnifsi
u nitqabad ma' l-ispirtu li sawwarni,
biex neħilsu...nilliberah mill-umanità tiegħu.

U miegħu
Niġġerra, nixxabbat, nitqabad
Sa ma nsibek ma' l-ispirti pre-konċepiti.

Ismagħni nsejjaħlek missier;
La tinħebiex minni
Iżda ħares lejja fl-istrata spiritwali!

Ħallini nerġa' nilmaħ fik
dik il-flemma ta' żmien tfuliti,
u kompli miegħi fil-ħarsien ta' mixjieti.

"Ma le taqtagħli barra,
bħal lejlet ġrajjet tmiem umanitek,
meta ridtni mmur nistrieħ...
għax l-għada qed tistennieni ħidmieti!

U lanqas tistaqsini għar-raġel liebes l-abjad
Li hemm fil-kantuniera.
Dak ukoll, jaf ikun pre-konċepit,
Messaġġier, li wasal biex iwasslek
Fid-dinja ġdida,
Fejn l-uman hu miċħud id-dħul
Għax imniġġes b'xedd id-dnub tan-nisel.

*Charles B. Spiteri*
(ġurnalista)